**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 439/2014**

**Il-Pulizija**

**(Assistant Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**

**vs.**

**Peter sive Pierre Falzon**

Illum, il-21 ta' Marzu, 2023

Il-Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet PETER (maghruf bhala PIERRE) FALZON ta' 53 sena, bin Frances u Carmelina nee' Muscat, imwieled Pieta' fil- 5 ta' Awissu 1960, u li joqghod f'Numru 2B, Landbridge Mansions, Dawret il-Gzejjer, Qawra. Detentur tal-Karta ta'l-ldentita' bin-numru 535060M.

U akkuzatu talli bejn Jannar 2007 u Dicembru 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' Nutar Pubbliku;

a. ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioes tlett riduzzjonijiet ta' ipoteki li jappartjenu ghal-kumpanija Michael Attard Limited, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq issustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi iddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux, u

dan fir-rigward ta' tlett riduzzjonijiet ta' ipoteki li jappartjenu ghal-kumpanija Michael Attard Limited ;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' Michael Attard Limited;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

II-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

II-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[1]

[1] Folio 446-448 ta' l-atti processwali

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2014 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat li l-Avukat Generali nhar id-9 ta' Settembru 2014 formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[3]:

- Fl-artikoli 18, 183, u 190 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 180 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 138 u 140 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2014 il-Qorti, kif kienet **<u>qabel diversament preseduta u qabel din il-Qorti kif komposta</u>** giet assenjata din il-kawza, qatt ma gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, u qatt ma staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u qatt ma tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija u ghalhekk il-Qorti qatt ma hadet nota

[2] Folio 8 ta' l-atti processwali
[3] Folio 135ta' l-atti processwali

bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Ottubru 2017.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna l-allegata falsifikazzjoni di parti tal-imputat, li jezercita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku, tal-firma ta' Michael Attard, direttur u rapprezentant tas-socjeta` kummercjali Michael Attard Limited fuq tlett kuntratti ta' kancellament ta' ipoteki, ossija *waivers*, ippublikati mill-istess

[4] Folio 137 ta' l-atti processwali
[5] Folio 404 ta' l-atti processwali

imputat bhala Nutar Pubbliku, fejn id-drittijiet ipotekarji li kellha l-imsemmija Michael Attard Limited kontra certu Anthony Vassallo gew ceduti allegatament *ad insaputa* taghha u bi pregudizzju lejha.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-10 ta' April 2014[6] fil-prezenza tal-Ispettur Ian Abdilla u WPS 103 Marcelle Mifsud wara li ezercita l-ghazla li ma jikkonsultax ma Avukat qabel l-interrogazzjoni[7]. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ikkonferma li kien jezercita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku u fir-rigward tat-tlett *waivers* ta' ipoteki in kwistjoni spjega li minn dak li jaf hu, il-kwerelant Michael Attard, dirigent ta' Michael Attard Limited, kien gie kkuntattjat mill-klijent tieghu Antoine Vassallo fejn dan kien talbu sabiex jaghti l-kunsens ghall-ipoteka partikolari li kienet tolqot proprjeta` fil-Marsa li Vassallo kien ser jghaddi lil wiehed mit-tfal tieghu b'donazzjoni. Skont l-imputat huwa kien sempliciment ipprepara l-kuntratt u mar ghand Michael Attard flimkien ma Antoine Vassallo fejn Attard kien iffirma huwa stess. In succint, spejga li l-istess kienet l-affari fejn jidhlu t-tlett waivers l-ohrajn – kien imur -ufficcju ta' Michael Attard fil-Blata l-Bajda, jispjegalu x'kien l-att partiklari, Attard kien jiffirma u imbaghad jiehu *photocopy* ta' xi jkun iffirma dak il-hin stess. Fi kliem l-imputat,

[6] Fol.108-111 ta' l-atti processwali.
[7] Fol. 107 ta' l-atti processwali.

jekk il-firma ta' Michael Attard fuq l-atti in kwistjoni ma taqbilx ma dik ta' fuq il-karta tal-identita`, jista' jkun li Attard iffirma differenti apposta u stqarr li fl-ebda okkazjoni ma kien qabbel il-firma mal-karta tal-identita` tieghu. In konkluzjoni spjega li fil-fehma tieghu, il-waivers in kwistjoni ma huwa tal-ebda pregudizzju ghal Michael Attard Limited u dan ghaliex il-bilanc li kellu jiehu l-bank HSBC Bank Malta plc naqas u meta jinbiegh ir-razzett li qieghed fir-Rabat u cioe` ir-"Ringleader Farm", Attard jithallas dak kollu dovut lilu.

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2014[8] xehed **l-Ispettur Ian Abdilla**, stazzjonat fl-Economic Crimes Unit li spjega li l-proceduri odjerni gew xprunati in segwitu ta' kwerela maghmula minn Dr Reuben Farrugia ghan-nom ta' Michael Attard Limited. Is-sustanza tal-kwerela kienet li l-imputat bhala Nutar Pubbliku ippublika tlett *waivers* fejn id-drittijiet ipotekarji li kellha s-socjeta` Michael Attard Limited kontra certu Anthony Vassallo gew ceduti u li dan kien sar ad insaputa u minghajt il-kunsens tad-dirigent ta' Michael Attard Limited. Bhala kuntest, Anthony Vassallo kien debitur ta' Michael Attard Limited fl-ammont ta' cirka €600,000 naxxenti minn negozju betniethom. Il-*waivers* in kwistjoni jgibu n-numri tal-insinwa 9172/2007; 7868/2008 u 4067/2009 u l-atti pubblici

[8] Fol. 9-15 ta' l-atti processwali.

relattivi saru fit-30 t'Ottubru 2007, fil-21 ta' Dicembru 2007 u fl-1 ta' Gunju 2009 rispettivament. Sussegwentament ghal kull *waiver*, il-proprjeta` immobbli relattivi giet trasferita lill-ulied Anthony Vassallo. Meta x-xhud kien tkellem ma Michael Attard, irrizulta li dan kien jaf b'*waiver* iehor li kien sar bil-kunsens tieghu izda ma kien jaf xejn dawn it-tlett *waivers* in kwistjoni, u cioe` dawk appena msemmija. Minn naha tieghu, ix-xhud prova jsib ukoll l-atti originali mill-arkivju tan-Nutar tal-Gvern izda t-tlett dokumenti in kwistjoni ma nstabux. Fl-10 t'April 2014 inhareg mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat. In ezekuzzjoni ta' tali mandat, ix-xhud iltaqa' mal-imputat fejn dan deher li ried jikoopera u ghaddielu dawk li skont hu kienu l-atti originali ta' kancellament fir-rigward tat-tlett *waivers* filwaqt li sostna li kollox kien regolari. Ix-xhud ikkonferma li meta l-imputat ghaddielu d-dokumenti in kwistjoni, kien diga` infurmat bil-mandat u moghti d-drittijiet tieghu u kien hemm prezenti ukoll WPC 103 Marcelle Mifsud u PC 896 Robert Zammit. Minn naha tieghu, l-imputat dejjem sostna li l-atti gew iffirmati minn Michael Attard sahansitra fl-ufficcju tal-kumpannija tieghu f' Blata l-Bajda izda spjega li jista' jkun li llum Michael Attard qed jghid li qatt ma ffirma l-atti minhabba li huwa kien ta l-*waivers* relattivi kontra l-parir tal-avukat tieghu. Ix-xhud spjega li minn naha tieghu, f'dak l-istadju kien diga` talab ghal komparazzjoni tal-firem u kien ovvja li minn tal-anqas tnejn minnhom ma kienux awtentici. Ix-xhud kien tkellem ukoll ma Anthony Vassallo fejn dan stqarr li filwaqt li kien hemm okkazjoni fejn kien tratta direttament ma Michael Attard biex gab kancellament, fil-kaz tat-tlett proprjetajiet in kwistjoni kien ha hsieb kollox l-

imputat bhala n-Nutar tieghu biss sostna li li kieku kien hemm bzonn, ma kellu l-ebda problema jkellem lil Michael Attard personalment.

Fl-istess seduta xehed **Michael Attard**[9], il-kwerelant, li sostna li jaf lill-imputat ghax kienu l-iskola flimkien u imbaghad gieli xtara karozzi minghand il-kumpannija tieghu. Spjega ukoll li lill-Anthony Vassallo jafu minhabba li dan kien negozjant tal-karozzi *second hand* taht l-isem Antoine Auto Dealer u kien ibeghlu hafna karozzi. Gara li d-dejn kien tela' hafna u fis-sena 2006 kien sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu biex b'hekk intrabtulu l-prorjetajiet. Ix-xhud gharaf u kkonferma d-dokumenti kollha li kienu gew annessi mal-kwerala maghmula mill-avukat tieghu Dr Reuben Farrugia. Spjegati li r-rapport gie precipitat mill-fatt li meta gie biex jezegwixxi mandat ta' qbid fuq il-proprjetajiet ipotekati, irrizulta li kien hemm minnhom li kienu gew trasferiti fuq ulied Anthony Vassallo u dan waqt li suppost kienu ipotekati u sostna li hu ma kien iffirma ghall-ebda kancellament tal-ipoteki oltre ghal wiehed li kien jaf bih u li sar fl-2007 fl-ufficcju tieghu fil-prezenza tal-imputat u ta' Anthony Vassallo, jigifieri saru tlett kancellamenti minghajr il-kunsens tieghu. Muri l-atti in kwistjoni, ix-xhud stqarr li l-firma li hemm mhijiex tieghu u sostna li hadd ma kien talbu sabiex effettivament isiru l-kancellamenti. Ix-xhud sostna li huwa qatt ma kien mar fl-ufficcju tal-imputat u qatt ma kien inkarigah hu ghal xi xoghol nutarili.

[9] Fol. 116-128 ta' l-atti processwali.

Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017[10]. Huwa kkonferma li fiz-zmien li saru l-atti in kwistjoni huwa kien prezenti fil-Gzejjer Maltin u probabbilment kien qieghed fl-ufficcju tal-kumpannija fil-Blata l-Bajda. Ikkonferma ukoll li l-imputat kien kellmu darba fuq *waiver* wiehed li kien inghata u kien mar ikellmu xi drabi ohrajn fuq bejgh ta' *farmhouse* ta' Antoine Vassallo. Ma setax jiftakar jekk dawn l-inkontri sarux fl-istess zmien jew fuq medda ta' zmien.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022[11], il-kwerelant iddikjara li huwa ma kien ghad ghandu l-ebda interess fil-konfront tal-imputat Peter sive Pierre Falzon.

Fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2014[12] xehdet **in-Nutar Maria Briffa**. B'referenza ghad-dokument ezebit a Fol. 21-29 tal-atti processwali, hija kkonfermat illi dan huwa kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li gie ppublikat minnha fit-30 ta' Gunju 2006 bejn Michael Attard in rapprezentanza ta' Michael Attard Limited bhala kreditrici u Anthony u Antonia konjugi Vassallo bhala debituri, bl-ammont involute ikun ta' Lm 256,691.27, ekwivalenti ghal cirka €598,090.66. In garanzija tal-hlas kienu gew registrati ipoteki specjali fuq ghaxar proprjetajiet immobbli. Ix-xhud ikkonfermat li l-kuntratt gie debitament insinwat u gharfet ukoll in-nota tal-insinwa a Fol. 30-38.

---

[10] Fol. 406-407 ta' l-atti processwali.
[11] Fol. 517 ta' l-atti processwali.
[12] Fol. 139-142 ta' l-atti processwali.

Fl-istess seduta xehed **in-Nutar Paul Callus**[13], Nutar tal-Gvern, li ezebixxa dokumentazzjoni li tindika li l-imputat ha l-warrant ta' Nutar Pubbliku sa mill-20 ta' Mejju 1983 u ismu baqa' jigi ppublikat fil-lista tan-Nutara mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern f'Jannar ta' kull sena.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2016[14] li ezebixxa kopja awtentika tal-atti tal-imputat ezebiti a Fol 334 sa 374, li kienu gew depozitata fl-arkivji tan-Nutar tal-Gvern.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014[15] xehdet **Dr Juliana Scerri Ferrante**, espert mahtura mill-Qorti sabiex taghmel ezami komparattiv tal-firem prezenti fuq l-atti ta' kancellament in kwistjoni ma diversi kampjuni tal-firma ta' Michael Attard. Hija kkonkludiet li fil-fehma taghha, il-firem prezenti fit-tlett kuntratti in kwistjoni m'humiex is-soltu firma ta' Michael Attard u cioe` ma jaqghux fil-paramentri tal-firma tieghu.

L-espert giet prodotta in kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019[16]. Hija stqarret li milli tiftakar, il-kuntratti li hija studjat ghall-fini ta' komparazzjoni tal-firem in kwistjoni kienu gew iritirati mill-atti tal-proceduri instanti u dan minhabba li ma kienux instabu fl-arkivju tan-Nutar tal-Gvern. Spjegat li apparti t-tlett kuntratti in meritu, il-kuntratti l-ohrajn li hija uzat ghall-komparazzjoni huma originali misjuba fl-arkivju tan-Nutar tal-Gvern u r-referenzi li hemm fir-

[13] Fol. 143-144 ta' l-atti processwali.
[14] Fol. 328-333 ta' l-atti processwali.
[15] Fol. 153-155 ta' l-atti processwali.
[16] Fol. 422-434 ta' l-atti processwali.

relazzjoni huma ghan-numri konsekuttivi li jinsabu fuq l-atti relattivi. Irikonoxxiet li anke` bejn il-firem *sample* ikun hemm xi varjazzjoni izda l-ezercizzju taghha kien li tara jekk il-firem in ezami jaqghux ʻil barra mill-limiti tal-varjazzjoni u l-gudizzju jekk firma hux awtentika ma jaqax fuq is-sejbien taʼ varjazzjoni wahda izda fuq serje taʼ varjazzjonijiet u l-kuntest. In fatti, hija strahet fuq serje kbira taʼ *samples* u anke` fis-seduti quddiemha, talbet lill-Michael Attard jiffirma fʼokkazjonijiet differenti kemm bilqieghda u kemm bilwieqfa biex bʼhekk tiehu ideja cara tal-varjazzjonijiet naturali li jaghmel. L-espert spjegat li fl-ezercizzju taghha, hija uzat metodi manwali sabiex ghamlet il-komparazzjonijiet u ma strahitx fuq l-uzu tas-*software*. Fir-rigward tal-konkluzjoni tar-relazzjoni taghha, affermat illi fuq bazi taʼ probabbilita`, Michael Attard ma kienx il-persuna li ghamel il-firem in kwistjoni. Ir-raguni primarja hija li mill-analizi li sar, deher li dawn ma kienux *flowing* u kien hemm ghadd taʼ "daqqiet" li jindikaw ezitazzjoni.

Fis-seduta tas-27 taʼ Jannar 2015[17] xehed **Anthony sive Antoine Vassallo**, li kkonferma li kien dahal fʼkuntratt taʼ kostitutzzjoni taʼ debitu ma Michael Attard Limited minhabba li kellu jaghtiha l-flus fuq negozju fil-karozzi. Fʼdak iz-zmien kellu jaghti xi flus lill-banek HSBC u BOV ukoll. Ikkonferma ukoll li kellu jaghmel tajjeb ghad-debitu bʼghadd taʼ proprjetajiet tieghu. Ikkonferma li fil-21 taʼ Dicembru 2007 kien deher fuq kuntratt maghmul mill-imputat fejn permezz tieghu it-tifel tieghu Massimo Vassallo ha self taʼ Lm 92,000 minghand il-BOV u kontestwalment, huwa flimkien ma martu trasferewlu l-fond 28, 30,

[17] Fol. 159-199 taʼ l-atti processwali.

Triq it-Tigrija, Il-Marsa versu l-prezz ta' Lm 55,000. Ikkonferma ukoll li dan il-fond kien wiehed minn dawk li kienu ipotekati a favur Michael Attard Limited. Stqarr li dwar din l-ipoteka, kien ha lill-imputat mieghu il-Bank u kienet inharget l-ittra sanzjonarja. F'dak l-istadju, l-imputat qallu "issa niehu hsieb l-affarijiet kollha jiena". Jista' jkun li kien cempel lil Michael Attard u qallu li kien ser ikellmu n-Nutar imma mill-bqija ma kienx involva ruhu aktar fl-affari u ma hallas xejn aktar f'dak l-istadju. Li jaf kien li biex sar il-kuntratt mal-banek, sinjal li kien hemm kollox sew.

B'referenza ghall-kuntratt datat 28 t'Ottubru 2008 (Fol. 55-57) ukoll ippublikat mill-imputat, ix-xhud ikkonferma li kien trasferixxa b'donazzjoni lil ibnu Massimo Vassallo l-fond ossija garaxx 37, Triq Had-Dingli, Ir-Rabat filwaqt li spjega li ghamel dan minhabba li kien ta' garaxxijiet lit-tfal l-ohrajn u ried jaghmel l-istess. Hawn ukoll, dwar l-ipoteka li kien hemm registrata a favur Michael Attard Limited, ix-xhud qal li halla kollox f'idejn l-imputat biex isir il-kancellament necessarju. Ix-xhud sostna li ibnu Massimo Vassallo kien ha self fuq dak il-garaxx ukoll sabiex ikun jista' jirrangah. Rega' kkonferma li lil Michael Attard ma kienx kellmu hu u lanqas ma kien ghaddielu flus filwaqt li sostna li kien jafda lill-imputat bhala n-Nutar tieghu u kien ihalli kollox f'idejh.

B'referenza ghall-kuntratt tad-9 ta' Gunju 2009 (Fol. 58-67), ix-xhud ftakar li kienu dehru hi, martu, binhom Clint Vassallo kif ukoll il-banked BOV u HSBC u li permezz ta' dan il-kuntratt, Clint Vassallo kiseb self minghand BOV sabiex xtara minghandu l-garaxxijiet 12, 13 u 14 f'dahla privata fi Triq San Trofimu, ir-Rabat, Malta. F'dan il-kaz ukoll, skont ix-xhud, hekk kif harget l-ittra

sanzjonarja mill-BOV, huwa halla f'idejn l-imputat biex "jiehu hsieb l-affarijiet hu". Ghalhekk, le kellem lil Michael Attard, la ghaddielu xi flus u lanqas ghamel jew iffirma xejn. Ix-xhud kompla jistqarr li effettivament, huwa ma kienx jaf jekk l-ipoteki ta' Michael Attard Limited kienux tnehhew u sar jaf li kien hemm xi haga mhux f'postha meta sarlu "mandat ta' sekwestru". Baqa' jtenni li ghalih, gialadarba l-banek kienu komdi jaghmlu l-kuntratti, kollox kien sewwa u allura ma hassx li kellu jindaga ulterjorment filwaqt li sostna li sar jaf li Michael Attard allegatament ma kienx iffirma ghall-kancellamenti hafna zmien wara. Kompla jghid li fiz-zmien relevanti, l-imputat, bhala n-Nutar tieghu, kien jghidlu li kollox kien sewwa fejn jidlu l-kancellamenti.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016[18] fejn huwa pprezenta zewg kuntratti u ukoll fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2016, fejn b'referenza ghall-fond ossija garaxx 37, Triq Had-Dingli, Ir-Rabat, huwa spjega li ghalkemm huwa kien tah lit-tifel tieghu Massimo Vassallo b'donazzjoni, kien hemm bzonn li dan jiehu self ta' €105,000 minghand il-BOV sabiex ihallas il-bilanc minn self precedenti li kien hemm qabel mal-HSBC sabiex inxtara l-fond originarjament. Dan l-arrangament sar permezz tal-kuntratt datat 28 t'Ottubru 2008 li qieghed ezebit a Fol. 229 tal-atti. Ix-xhud spjega li effettivament is-self miksub permezz ta' dan il-kuntratt intuza minn ibnu Massimo sabiex irranga x-*showroom* u ghal xi xoghlijiet li kien ghad baqa' fil-post ta' Triq it-Tigrija, Il-Marsa. Ikkonferma li meta huwa trasferixxa l-garaxx ta' 37, Triq Had-Dingli lil ibnu, dan hieles minn kull ipoteka. Hawn ukoll, ix-xhud stqarr li fir-rigward tat-tnehhija tal-ipoteka a

[18] Fol. 223-225 ta' l-atti processwali.

favur Michael Attard Limited ha hsieb kollox l-imputat u hu ma dahalx fiha l-affari u kkonkluda li kollox kien sewwa gialadarba l-banek accettaw li jsir il-kuntratt.

Bhala kumment generali, afferma li huwa kien jiehu hsieb l-affarijiet kollha taz-zewg uliedu Massimo u Clint Vassallo u jista' jkun li huma ma jafux ezatt xi jkun sar ghax effettivament ikun ghamel kollox hu. Ikkonceda madankollu li gieli deher Mark Briffa u anke` l-imputat stess bi prokura ghalihom.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016[19] fejn ikkonferma li huwa tabilhaqq kellu prokura ta' ibnu Massimo Vassallo u wieghed li jipprezentaha. B'referenza ghall-kuntratt ezebit a Fol. 81 tal-atti u cioe` dak datat 21 ta' Dicembru 2017 u li jikkoncerna l-fond 28, 30, Triq it-Tigrija, Il-Marsa, ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq l-atti. B'referenza ghad-dokument ezebit a Fol. 96, ikkonferma li ghan-nom ta' ibnu Massimo Vassallo, huwa kien ta prokura lil Mark Briffa sabiex dan jidher ghal ibnu.

Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[20] fejn stqarr li n-negozju li kellu ma Michael Attard kien li jakkwista karozzi kemm godda u kemm *second hand* minghandu u kull hmistax jew kull xahar jaqtghu il-kontijiet. Dwar id-djun li kellu, spjega li l-banek HSBC u BOV kienu t-tnejn fi precedenza *pari passu* qabel Michael Attard Limited. Dwar il-kancellamenti in kwistjoni qal li jiftakar li kien kellem lil Michael Attard darba fejn qallu

[19] Fol. 306-321 ta' l-atti processwali.
[20] Fol. 437-442 ta' l-atti processwali.

"ghandu jkellmek in-Nutar Pierre Falzon". Ix-xhud ipprezenta ghadd ta' dokumenti tan-negozju li jgibu fuqhom il-firma ta' Michael Attard.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015 xehdet **WPS 103 Marseann Mifsud**[21], stazzjonata fl-Economic Crimes Unit li spjegat li kienet prezenti flimkien mal-Ispettur Ian Abdilla meta fl-10 t'April 2014 marru jezegwixxu mandate fir-residenza tal-imputat. L-imputat kien ipprovda tlett kuntratti datati 30 t'Ottubru 2007, 21 ta' Dicembru 2007 u 1 ta' Gunju 2009 rispettivament. Aktar tard dakinhar, l-imputat ta stqarrija wara li ghazel li ma jikkonsultax ma avukat.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016, xehdet **in-Nutar Anne Fenech Adami**[22], li kkonfermat li hija ppublikat il-kuntratt ezebit a Fol. 58 et. seq. Hija kienet giet mitluba tippublika dan il-kuntratt mill-imputat bi pjacir minhabba li qal li ma setax jippublikah hu. Stqarret li serrhet rasha li kollox kien sew minhabba li l-kuntratt kif ukoll ir-ricerki kienu diga` gew mistharrga mill-ufficcju legali tal-bank u kollox kien meqjus li hu sewwa. Iccarat li ghalkemm kienet rat ir-ricerki, fejn jidhlu kancellamenti, kull ma tkun rat hija n-nota ta' referenza u ma tkunx rat il-kuntratt ta' kancellament originali. Stqarret li ma kienitx staqsiet lill-imputat kif u taht liema cirkostanzi kienu gew kancellati l-ipoteki li kien hemm, inkluz dawn a favur Michael Attard Limited.

[21] Fol. 206-208 ta' l-atti processwali.
[22] Fol. 216-222 ta' l-atti processwali.

Fl-istess seduta xehed **Clint Vassallo**[23]. Filwaqt li kien jaf li kienu saru ghadd ta' kuntratti dwar proprjeta` immobbli li effettivament daret fuqu u fuq huh Massimo Vassallo, stqarr li huwa kien halla kollox f'idejn missieru u f'idejn l-imputat, bhal n-Nutar taghhom. Sar jaf li kien hemm xi problema li tirrigwarda l-kancellamenti meta kien sar mandat ta' qbid fuq il-proprjetajiet li kienu eventwalment gew trasferiti lilu u qabel dan, ma kien jaf xejn. Spjega li huwa kien ried jixtri l-garaxxijiet ta' Triq San Trofimu minghand missieru u kien halla f'idejn l-imputat fuq direzzjoni ta' missieru stess. Sostna li dak iz-zmien kien ghadu zghir u ma kienx jifhem dwar dan it-tip ta' affarijiet u aktar minn hekk, li kellu mohhu mistrieh li kollox kien sewwa ghax kien qed jixtri minghand missieru. Kull ma jiftakar li kien iffirma xi karti fl-ufficcju tax-*showroom* taghhom.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 xehed **Mark Briffa**[24] li spjega li huwa kien jahdem mal-imputat bejn is-snin 1994 u 2010 bhala skrivan u assistant generali. Ikkonferma li kien ikun hemm drabi fejn l-imputat, bhala l-imghallem tieghu, kien jitolbu biex jidher fuq kuntratti bi prokura ghal xi klijenti li gieli ma kienx ikun jaf min huma. Fix-xoghol tieghu, normalment l-imputat kien jaghtih il-konvenju u lista ta' ricerki li jkun hemm bzonn u kien jghaddi biex jordnahom u jikkompila l-*file* ghall-publikazzjoni. Stqarr li ma kienx jidhol f'affarijiet dwar *waivers* u riduzzjonijiet ghax dawn kienu jsiru mill-imputat innifsu. In kwantu ta' abbozzar ta' atti, qal li gieli kien jassisti f'dan ix-xoghol izda kien hemm

[23] Fol. 237-253 ta' l-atti processwali.
[24] Fol. 284-305 ta' l-atti processwali.

persuni ohrajn li generalment jaghmluh. Ikkonferma li lil Antoine u Antonia Vassallo u lit-tifel taghhom Massimo Vassallo kien jafhom minhabba li gieli kienu marru fl-ufficcju tal-imputat. Ma eskludiex li gieli deher bi prokura ghalihom izda stqarr li kienu minn dawk il-kazijiet fejn l-imputat kien jghidlu biex jidher ghall-klijenti fuq kuntratti li jsiru l-bank u qal li ma kienx jaf id-dettalji ta x'ikun sar permezz tal-kuntratt u ghalfejn tkun inghatat prokura. Huwa kien joqghod fuq dak li jghidlu l-imputat bhala l-imghallem tieghu u kkonceda li kien jaccetta dak li jghidlu bhala "kredu". In kwantu ta' ricerka, spjega li dawn kien jarahom l-imputat u b'mod generali, jekk kuntratt kien jghaddi mill-ufficcju legali tal-bank, kienet tittiehed bhala indikazzjoni li kollox huwa sewwa. Ix-xhud tenna b'mod specifiku li huwa qatt ma kien f'affarijiet li jinvolu lil Michael Attard jew Michael Attard Limited.

Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2016 xehdet **Elizabeth Said**[25], Assistant Direttur fir-Registru Pubbliku, li pprezentat ricerki ufficjali dwar trasferiment maghmula minn Mark Briffa, Massimo Vassallo, Antoine sive Anthony Vassallo u Clint Vassallo.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 xehed minn rajh **l-imputat Nutar Peter sive Pierre Falzon**[26]. Huwa kkonferma l-istqarrija li kien ta lill-Pulizija u sostna bil-gurament tieghu li l-kancellamenti in kwistjoni gew iffirmati minn Michael Attard quddiemu fix-*showroom* tal-kumpannija tieghu, sahansitra wahda minnhom fuq poggaman "ghax kien mghaggel". Skont l-imputat, Michael

[25] Fol. 387-390 ta' l-atti processwali.
[26] Fol. 458-468 ta' l-atti processwali.

Attard illum ghandu nteress jghid li l-firem ma ghamilhomx hu minhabba li jista' jkun li l-*waivers* inghataw kontra l-parir tal-avukat tieghu Dr Reuben Farrugia. Fil-fatt, skont hu, meta saru l-firem qatt ma kien hemm Dr Farrugia prezenti. Spjega li Antoine Vassallo kien klijent abitwali tieghu u kien jinqeda mill-ufficcju li kellu r-Rabat. Dwar il-kancellamenti li saru, qal li attwalment kien fl-interess li saru kid saru, u cioe` li kollox imbaghad inqaleb fuq it-tfal, inkluz id-djun li kien hemm, ghax li kieku ma sarx hemm, il-banek kienu ser iduru fuq il-proprjetajiet kollha bis-subbasta u zgur ma kien ser jibqa' xejn ghal Michael Attard Limited li kienet tigi wara l-banek bhala precdenza. Irrefera ghal "Ring Leader Farm" li kienet proprjeta` tiswa 'l fuq minn €3,000,000 u li baqghet bl-ipoteka favur Michael Attard Limited fuqha minkejja l-kancellamenti li saru. Issa kif graw l-affarijiet wara, minkejja li fis-sena 2017 inbiegh ir-"Ring Leader Farm", xorta ma kienx hemm fondi biex tigi sodisfatta Michael Attard Limited. Spjega li lil Michael Attard kien jafu sew ghax kien gieli xtara karozzi minghandu u kien anke` mieghu l-iskola. In kontro-ezami, l-imputat argumenta li hu ma kellu l-ebda interess fl-ezitu ta' tan-negozju bejn Antoine Vassallo u Michael Attard Limited u dan partikolarment minhabba li Antoine Vassallo kien tista' tghid "fallut" u kien lanqas biss hallsu tal-kuntratti li kien ghamillu.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020, xehdet **Johanna Bartolo in rapprezentana ta' Bank of Valletta plc** [27]li ezebiet sitt cekkijiet li jgibu l-firma ta' Michael Attard.

Fl-istess seduta u f'dik tat-30 ta' Novembru 2021 xehdet **Lorraine Attard** in rapprezentana ta' **HSBC Bank Malta plc**[28] li ezebiet sensiela ta' cekkijiet li jgibu l-firma ta' Michael Attard kif ukoll *specimen signature*.

Fis-seduti tat-30 ta' Novembru 2021[29] u tas-26 ta' Mejju 2022[30] xehed **Raymond Formosa** in rapprezentana ta' **Lombard Bank Malta plc** li ezebixxa *specimen signature form* relattiva ghal Michael Attard.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022 xehdet **Miriam Azzopardi**[31] in rapprezentana ta' **Malta Stock Exchange** li ezebiet dokumenti li jgibu l-firma tal-kwerelant Michael Attard.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022 xehed **Dr Hubert Theuma**[32] in rapprezentana tal-**Ufficcju tan-Nutar tal-Gvern** li ezebixxi statisitka indikattiva tal-ammont ta' kuntratti u testmenti ppublikati mill-imputat Peter sive Pierre Falzon bejn is-snin 2000 u 2010.

[27] Fol. 478-481 ta' l-atti processwali.
[28] Fol. 507 ta' l-atti processwali.
[29] Fol. 497-501 ta' l-atti processwali.
[30] Fol. 522-523 ta' l-atti processwali.
[31] Fol. 513 ta' l-atti processwali.
[32] Fol. 519-520 ta' l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-imputat kien tressaq nhar id-9 ta' Gunju 2014 bhala Qorti Istruttorja quddiem Qorti diversament preseduta u li wara li kien sar l-ezami ta' l-imputat skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali l-imputat iddikjara lilu nnifsu mhux hati u b'hekk il-Qorti bdiet tigbor il-Qorti bhala Qorti Istruttorja.

Illi nhar id-9 ta' Settembru 2014 l-Avukat Generali bghatt artikoli ghall-gudizzju skont l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali sabiex il-Qort kif kienet diversament preseduta fl-udjenza li jmiss, f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat skont dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(b)u(c) tal-Kodici Kriminali tiddeciedi fuq l-akkuza ta' din il-htija jew htijiet, jew f'kaz ta' oggezzjoni, tipprocedi skont l-artikolu 370(3)(d)u(e) tal-Kodici Kriminali, b'dan pero li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni l l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, il-Qorti ghandha tisma skont kif provdut fl-artikolu 370(3)(f) tal-imsemmi Kodici l-ahhar provi u xhieda indikati.[33]

Illi fl-udjenza ta' wara u cioe nhar il-15 ta' Settembru 2014, il-Qorti ippresjediet bhala Qorti tal-Magistrati (Malta) Qorti Istruttorja[34] u semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Illi fl-udjenzi ta' wara u cioe nhar is-7 ta' Novembru 2014, 2 ta' Dicembru 2014, 27 ta' Jannar 2015, 11 ta' Marzu 2015, 20 ta' Mejju 2015, 24 ta' Gunju 2015, 7 ta'

---

[33] Folio 135-136 ta' l-atti processwali

[34] Folio 137 ta' l-atti processwali

Ottubru 2015, 9 ta' Dicembru 2015, 11 ta' Jannar 2016, 24 ta' Frar 2016, 29 ta' April 2016, 31 ta' Mejju 2016, 13 ta' Lulju 2016, 5 ta' Dicembru 2016, 23 ta' Jannar 2017, 15 ta' Frar 2017, 29 ta' Marzu 2017, 20 ta' April 2017, 11 ta' Settembru 2017 u 9 ta' Ottubru 2017 il-Qorti ippresjediet bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[35]

Illi dawn l-udjenzi kienu ghadhom kollha waqt il-gbir tal-provi tal-prosekuzzjoni u nonostante li sa dan iz-zmien kienu ghadhom qatt ma nqraw l-artikoli ghall-gudizzju il-Qorti kienet, tempestivament ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali minghajr ma qatt segwiet il-procedura skont l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni gew iddikjarati definittivament maghluqa nhar id-9 ta' Ottubru 2017.[36]

Madankollu ma jirrizultax imkien mill-atti illi l-Qorti **diversament preseduta** qrat l-artikoli ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali. Fil-fatt, fl-udjenza immedjatament wara u cioe ta' nhar it-13 ta' Novembru 2017[37] inbdew mod immedjat il-provi tad-difiza.

Illi din il-Qorti kif inhi illum komposta giet assenjata din il-kawza nhar il-10 ta' Mejju 2019 wara digriet mahrug mill-S.T.O Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi, u cioe sena u nofs wara li kellhom jinqraw l-artikolu ghall-gudizzju.[38]

---

[35] Folio 149 ta' l-atti processwali
[36] Folio 404 ta' l-atti processwali
[37] Folio 405 ta
[38] Folio 446-448 ta' l-atti processwali

Illi mill-atti ghalhekk jirrizulta li hemm diffett procedurali fis-sens li l-proceduri skont l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali ma gietx segwita.

Illi l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali jghid:

*(3) (a) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.*

*(b) Fuq talba tal-Avukat Ġenerali lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.*

*(ċ) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ittrattat biproċedura sommarja, il-qorti għandha tinnota t-tweġiba fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkunkompetenti li tittratta l-każ tal-akkużat u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 377.*

*(d) Jekk l-akkużat joġġezzjona illi l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tordna li l-Avukat Ġenerali għandu jingħata aċċess permezz ta' mezzi elettroniċi għal kopja tal-atti tal-każ, fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 401(3), sabiex il-każ ikun iġġudikat skont il-liġi. F'dan il-każ, iż-żmien imsemmi fl-artikolu 432 għall-*

*preżentata tal-att tal-akkuża għandu jibda jgħodd minn dakinhar li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess permezz ta' mezzi elettroniċi għal kopja tal-atti tal-każ.*

*(e) Meta n-numru tal-akkużati mibgħuta biex ikunu iġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) jkun tnejn jew iżjed, id-dispożizzjonijiet tal-aħħar paragrafu qabel dan għandhom japplikaw biss dwar dak il-wieħed jew iżjed mill-akkużati li jagħmlu oġġezzjoni illi l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u, f'dan il-każ iż-żmien stabbilit fl-artikolu 432 sabiex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih l-Avukat Ġenerali jkun irċieva l-proċess wara li s-sentenza f'kull każ li jkun ġie ittrattat bi proċedura sommarja jkun għadda b'ġudikat.*

*(f) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a).*

Illi minn qarti ta' test tal-ligi jirrizulta li ebda parti minn din il-procedura ma giet segwita u l-kosegwenza ta' dan huwa li l-imputat gie imcahhad mid-dritt tieghu li jaghzel u jindika oggezzjonijiet tieghu kif ukoll jiddikjara kif ghandha tigi stradata l-kawza.

Illi dan iggib mieghu ghalhekk il-konsegwenza li din il-Qorti ma tistax tiddeciedi dan il-kaz ghaliex fin-nuqqas li inqraw l-artikoli ghall-gudizzju u l-Qorti kif kienet diversament preseduta naqset milli kisbet il-kunsens ta' l-imputat sabiex din il-kawza jigi trattat minn din il-Qorti, din il-Qorti ma ghandiex il-gurisdizzjoni jew is-setgha legali li tipprocedi ghas-sentenza.

Illi stante li dan il-kaz gie assenjat lill din il-Qorti fi stadju avvanzat ta' provi tad-difiza, u **<u>wara</u>** li kien ghadda l-perjodu ta' zmien li din setghet issir, u cioe **qabel** ma inbdew il-provi tad-difiza, din il-Qorti ma ghandiex is-seta' legali li tmur lura fiz-zmien, thassar, temmenda jew taghmel mill-gdid dak li ma kienx sarx.

Illi ghalhekk dawn il-proceduri huma nulli minhabba dawn in-nuqqasijiet u ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandiex is-setgha legali li tevalwa l-merti, taghrbel il-provi, tiddeciedi l-kaz u tipprocedi ghas-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tiddikjara l-proceduri huma nulli u bla effett skont il-ligi u tastjeni milli tkompli tezamina l-provi fil-mertu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 138, 140, 141, 180, 183, 190 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li kif hawn fuq spejgati li l-proceduri huma nulli u bla effett skont il-ligi u tastjeni milli tkompli tezamina l-kaz fil-mertu.

**Moghtija illum, il-21 ta' Marzu, 2023, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**